MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 738/1999/1

**Raymond Farrugia**

**-vs-**

**Vanessa Farrugia f'isimha proprju u ghan-nom tal-minuri Nigel Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenuta, mart l-attur welldet tarbija fid-9 ta' April 1998 skond kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru 1914/98 anness mac-citazzjoni u mmarkat Dok. A, minn fejn jirrizulta wkoll li hemm registrat l-attur bhala missier it-tarbija, u ghalhekk it-tarbija ggib l-isem ta' Nigel Farrugia;

Premess illi fil-fatt l-attur mhux genetikament missier it-tarbija, u minn issa lest li jissottometti ruhu ghal kull ezami xjentifiku halli jigi stabbilit li huwa mhux missier it-tarbija Nigel Farrugia;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-attur mhux missier t-tarbija Nigel Farrugia li l-konvenuta welldet skond kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid ta' l-istess tarbija li jgib in-numru 1914/98 u konsegwentment li kull fejn hemm registrat li l-attur huwa missier l-imsemmija tarbija ghandu jigi kancellat;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta *proprio et nomine* illi fiha hija eccepiet:-

1. Illi fl-ewwel lok, il-gudizzju mhux integru stante illi t-talba attrici illi, bhala konsegwenza tac-cahda tal-paternita` tieghu, ghandha tigi kancellata kull referenza illi turi lill-attur bhala missier il-minuri, tirrikjedi per necessita`, il-presenza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, ai termini tas-subinciz (4) ta' l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili;

2. Illi, fit-tieni lok, il-kawza fl-ismijiet fuq premessi ma gietx intavolata korrettement ai termini tal-paragrafu (b) tas-subinciz (1) ta' l-Artikolu 75 tal-Kodici Civili, illi jirrikjedi illi kawza sabiex ticcahad il-paternita' ghandha titmexxa, meta t-tifel ikun taht l-eta`, kontra kuratur li jigi mahtur mill-istess Qorti, kif ukoll kontra l-omm, li trid tkun dejjem parti fil-kawza ai termini tas-subinciz (2) ta' l-istess Artikolu;

3. Illi, fit-tieiet lok, isem il-minuri, iben l-eccipjenti huwa Miguel u mhux Nigel, skond kif jidher mill-Estratt tac-Certifikat tat-Twelid relattiv, li kopja tieghu hi annessa

u esibita ma’ l-istess nota u mmarkata bhala Dok. VF1, u ghalhekk jidher li hemm lok ghall-korrezzjoni relattiva fl-att tac-Citazzjoni;

4. Illi, fir-raba’ lok, l-eccipjenti tammetti illi l-attur mhux missier il-minuri.

Salv eccezzjoni ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta *proprio et nomine*, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet tat-28 ta’ Jannar 2000 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Fil-verbal ta' l-14 ta' Novembru 2000 (fol. 26 tal-process) jinghad li l-Qorti giet infurmata li l-provi ngabru u li l-kawza setghet tibqa' ghas-sentenza, kif hekk fil-fatt gie accettat li jsir, attiza l-verbali l-ohra kollha sussegwenti;

Din il-Qorti kif issa presjeduta ma thossx li tista' tghaddi ghal gudizzju fil-meritu jekk qabel ma jigux doverosament sanati l-ommissjonijiet li certament jezitu f'din il-kawza u li gew senjalati *ope exceptiones* mill-konvenuta (fol. 13) bl-ewwel tnejn jolqtu l-proprjeta` procedurali ta' l-azzjoni. Jinkombi b'dover fuq il-Qorti illi mhux biss tirrileva n-nuqqasijiet jew tagixxi fil-pront fuq is-senjalazzjoni dwarhom, u qabel it-trattazzjoni fil-meritu, talli ghandha tara u taccerta wkoll illi l-irregolaritajiet jigu soppressi. Dan fl-interess primarju ta' l-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-ligi u biex ukoll jigu evitati nullitajiet ta' l-atti;

L-Artikolu 75 tal-Kodici Civili jistabilixxi bl-aktar mod car illi procedura ta' '*denegata paternita*`' ghandha titmexxa (a) kontra t-tifel, jekk ikun ta' l-eta`, jew (b) f'kaz li dan ikun ghadu minorenni jew in raguni ghal xi inkapacita` ohra, kontra kuratur mahtur appozitament mill-Qorti biex jirrapprezenta l-interess tal-minuri. Skond subinciz (2) imbaghad ta' l-Artikolu 75 l-omm ghandha tkun citata wkoll bhala parti fil-kawza.

Dak kollu espress f'dan l-Artikolu necessarjament ghandu jfisser illi l-omm ma tistax tigi mharrka biex tirrapprezenta legittimament lil binha fil-gudizzju ghal finijiet tad-drittijiet civili tieghu. Tabilhaqq hu proprju ghalhekk il-ligi stess tirrikjedi li l-azzjoni ghac-cahda tal-paternita` issir kontra kuratur tal-minuri mqabbad mill-Qorti;

Jonqos imbaghad in aggunta il-presenza fil-proceduri tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u dan ghab-bazi ta' dak dettat fl-Artikolu 253 tal-Kodici Civili li jrid li fi proceduri fejn tkun qed tintalab it-tiswija jew thassir fir-registrazzjoni ta' l-atti ta' l-istat civili dan ikun hekk ukoll citat (subinciz (4), Artikolu 253, Kodici Civili);

L-attur ghandu r-rimedju procedurali biex isalva l-att tac-citazzjoni prezentat minnu gjaladarba bl-emendi apportati mil-legislatur ghad-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili gew mizjuda sew is-setghat li fihom il-Qrati jistghu jakkordaw korrezzjonijiet fl-atti prezentati;

Kif gie rilevat f'hafna decizjonijiet ta' dan l-ahhar snin it-terminu ta' l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 huwa issa ferm wiesgha sal-punt li l-Qorti tista' tawtorizza "is-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi. ... billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata." Vide, *ad exemplum*, sentenzi fl-ismijiet "**Magistrat Dottor John Formosa LL.D. et -vs- Joseph Fenech**" Appell, 4 ta' Dicembru 1995; "**Walsh's Limited -vs- Awtorita` ta' l-Ippjanar**", Appell, 18 ta' Frar 1997;

Fic-cirkostanzi l-Qorti behsiebha taghti lill-attur l-opportunita` biex jirrimedja ghall-irregolaritajiet fic-citazzjoni.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti qed taghti lill-attur xahar zmien biex iressaq l-att opportun li fih ghandu jindika l-korrezzjonijiet li behsiebu jitlob fl-att tac-citazzjoni biex din tigi konformi mad-dispost ta' l-Artikolu 75 u l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili.

(ft) Philip Sciberras

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur